MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 142/2022 LM

**Marja Alice Alves de Sa Cardoso Semana**
**sive Maria Cardoso (K.I. nru. 150282A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**JZT Investments Company Limited**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Marja Alice Alves de Sa Cardoso Semana sive Maria Cardoso (K.I. nru. 150282A)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-10 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda ir-rikors tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata **JZT**

**Investments Company Limited** billi astjena milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ talbiet minħabba li ġew eżawriti, ċaħad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, u laqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrenti quddiem it-Tribunal, spjegat li hija ċittadina Portugiża li ilha tgħix Malta għal dawn l-aħħar snin. Qalet li hija kienet impjegata bħala *sales assistant* mas-soċjetà intimata fuq bażi ta' *reduced hours* għal żmien indefinit. Qalet li hija dejjem għamlet xogħolha bl-aħjar mod possibbli, tant hu hekk li qatt ma rċeviet xi forma ta' twissija jew ilment. Ir-rikorrenti qalet li hija ġiet infurmata li kienet qegħda tiġi tterminata mill-impjieg b'effett mit-13 ta' Ottubru, 2018, u r-raġuni mogħtija kienet dik tal-abbandun tal-post tax-xogħol. Ir-rikorrenti qalet li mhux minnu li hija xi darba naqset milli tattendi għax-xogħol, u qalet li l-unika raġuni għalfejn l-impjieg tagħha ġie tterminat kienet li hija marret titkellem mad-Dipartiment tal-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) sabiex tagħmel verifiki dwar l-intitolament tagħha għall-*leave*. Qalet li dan sar wara li l-prinċipal tagħha kien diffiċli magħha biex japprovalha xi ġranet tal-*leave.* Qalet ukoll li meta stħarġet mal-imsemmi Dipartiment, hija ġiet infurmata li kienet dovuta aktar minn €3,000 f'arretrati ta' *bonuses, overtime* u benefiċċji oħra, u kien biss wara li rappreżentant tad-Dipartiment tkellem ma' rappreżentant tal-kumpannija fejn kienet taħdem, li hija ġiet infurmata li kienet qegħda titkeċċa mix-xogħol. Ir-rikorrenti saħqet li għalhekk it-terminazzjoni tagħha mill-impjieg saret għal raġunijiet mhux xierqa.

**Mertu**

3. Permezz tat-talbiet tagħha lit-Tribunal, ir-rikorrenti talbet li jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tagħha mill-impjieg kienet waħda inġusta *ai termini* tal-artikolu 75 tal-Liġijiet ta' Malta, u talbet ukoll li jingħataw il-provvedimenti kollha opportuni *ai termini* tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li huwa minnu li r-rikorrenti kienet impjegata magħha fuq bażi ta' *reduced hours* għal żmien indefinit bħala *sales assistant,* iżda mhux minnu li dejjem għamlet xogħolha bl-aħjar mod possibbli, jew li hija qatt ma ngħatat xi forma ta' twissija fuq il-post tax-xogħol. Kompliet tgħid li lanqas m'huwa minnu li r-rikorrenti dejjem attendiet għax-xogħol jew li din ġiet itterminata minħabba li marret titkellem mad-DIER. Qal li ħafna mill-impjegati li kienu jaħdmu magħha kienu jispiċċaw b'argumenti mar-rikorrenti u hija ngħatat ħafna twissijiet, u l-unika raġuni għalfejn ma tkeċċietx qabel kienet għaliex kien diffiċli għas-soċjetà intimata ssib ħaddiema disposti li jagħmlu l-istess xogħol. Qalet li l-inċident partikolari li finalment wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti kien il-fatt li hija iddeċidiet arbitrarjament li ma tidħolx għax-xogħol.

5. Ġiet ippreżentata dikjarazzjoni li tħejjiet mis-soċjetà intimata u li r-rikorrenti rrifjutat li tiffirma, fejn intalbet tiddikjara li kienet qegħda tirċievi *cheque* ta' €3,833.27 għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata, u fejn din intalbet tikkonferma li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat minħabba f'għadd ta' twissijiet li ngħatat u argumenti oħra li hija kellha mal-impjegati u mal-*management* tal-kumpannija.

6. **Joe Zammit Tabona**, *managing director* tas-soċjetà intimata xehed li r-rikorrenti bdiet taħdem mal-kumpannija tiegħu fl-2016. Qal li għall-bidu r-rikorrenti kellha problema biex issib akkomodazzjoni f'Malta, u hu u l-mara tiegħu għenuha ħafna biex issib post fejn toqgħod. Qal ukoll li r-rikorrenti kienet dejjem titlob biex taħdem aktar sigħat minħabba raġunijiet finanzjarji, iżda waħda mill-problemi ewlenin tar-rikorrenti kienet li hija ma kinitx issegwi s-sistema ta' *handover* fil-ħwienet tas-soċjetà intimata. Qal ukoll li r-rikorrenti kienet taħdem f'erbgħa mill-ħwienet tas-soċjetà intimata, u kien ikollha problemi mal-impjegati l-oħra fil-ħwienet. Kien hemm ukoll impjegati oħra li heddew li jirriżenjaw jekk ir-rikorrenti tibqa' taħdem mas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li huwa kellu jittollera l-imġiba tar-rikorrenti għaliex kien diffiċli ferm għall-kumpannija tiegħu li ssib impjegati disposti li jagħmlu l-istess xogħol. Qal li kien hemm drabi meta r-rikorrenti ma kinitx tirrapporta għax-xogħol meta kienu jżuruha uliedha minn barra minn Malta, u kienet taqbad u ċċempel fuq il-post tax-xogħol u tinforma li ma setgħetx tidħol ix-xogħol dakinhar, mingħajr ma tkun tat pre-avviż minn qabel. Ix-xhud qal li minkejja li r-rikorrenti kienet taħdem sigħat ridotti, hija kienet dejjem tilmenta li ma setgħetx tlaħħaq mal-ħajja hawn Malta u riedet taħdem aktar sigħat, u huwa dejjem ipprova jakkomodaha. Qal li meta r-rikorrenti għamlet il-verifiki tagħha mad-DIER, u huwa ġie infurmat mid-DIER li kien hemm xi flus dovuti lir-rikorrenti, huwa ffirma ċ-*cheque* bl-ammont ikkomputat mid-DIER mingħajr lanqas biss għamel il-verifiki tiegħu dwar jekk l-ammont imsemmi kienx korrett. Ix-xhud qal li b'kollox ir-rikorrenti kienet involuta f'madwar tletin inċident fuq il-post tax-xogħol tagħha.

7. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha qalet li preżentement qegħda taħdem, iżda qalet li attendiet diversi intervisti u fittxet diversi opportunitajiet ta' xogħol kemm kienet ilha li tterminat l-impjieg li kellha mas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti ppreżentat diversi dokumenti in sostenn ta' dan, imma qalet li għajr għal perijodu ta' madwar sitt xhur fis-sajf, hija ma sabet l-ebda opportunità oħra ta' impjieg.

8. **Benjamin Zammit Tabona** fl-*affidavit* tiegħu qal li meta r-rikorrenti tkeċċiet minn mas-soċjetà intimata, huwa kien imsiefer iċ-Ċina flimkien ma' missieru Joseph Zammit Tabona. Qal li r-raġunijiet li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti kienu li hija kienet ripetutament tasal tard ix-xogħol, u meta kienet tkun mistoqsija dwar dan, kienet iġġib xi skuża u tesprimi rabja għall-fatt li ġiet mistoqsija dwar it-tardività tagħha. Qal li r-rikorrenti kienet dejjem tipprova tibbukkja l-*leave* fl-aħħar mumenti, u kienet tirrabja meta l-*leave* jiġi rifjutat għaliex ikun hemm impjegati oħra li talbu *leave* fl-istess ġranet. Qal li r-rikorrenti kienet tirrifjuta wkoll li tistokkja l-ħanut waqt is-*shift* tagħha, u kienet tħalli l-ħanut diżorganizzat għal min irid jiftaħ fil-ġurnata ta' wara, u meta kienet tkun ikkonfrontata b'dan, ir-rikorrenti kienet twieġeb li kienet tħossha għajjiena. Ix-xhud qal li kull darba li ppruvaw inaqqsu s-sigħat tax-xogħol tar-rikorrenti, din kienet tilmenta li ma setgħetx tgħix bis-salarju li taqla' minn Malta. Qal li kien hemm diversi impjegati li heddew li jitilqu mill-impjieg f'każ li jkollhom jaħdmu magħha, anki għaliex hija kienet tqabbad lil sħabha jagħmlu ċerti affarijiet mingħajr ma tassistihom. Qal ukoll li r-rikorrenti kienet tistieden lil uliedha jakkumpanjawha fil-ħanut meta dawn ikunu Malta, minkejja li hija ntalbet ripetutament biex ma tagħmilx dan. Ix-xhud qal li anki l-mod kif kienet tittratta

lill-*management* ma kienx wieħed xieraq, u kienet taqla' ħafna argumenti dwar l-allokazzjoni tax-xiftijiet. Qal li fil-bidu tal-impjieg tagħha r-rikorrenti kienet tintbagħat taħdem f'diversi ħwienet, anki sabiex tkun tista' taħdem aktar sigħat, imma reċentement qabel l-impjieg ma tagħha ġie tterminat, ir-rikorrenti bdiet tintbagħat taħdem fi ftit ħwienet biss sabiex jiġu evitati l-argumenti mal-impjegati l-oħra. Qal li l-aħħar inċident kien meta ġiet rifjutata talba tar-rikorrenti għal-*leave*, u qabdet u qatgħet isimha minn fuq it-*time sheet.* Ix-xhud qal li huwa kien preżenti fl-uffiċċju diversi drabi meta r-rikorrenti kienet tidħol targumenta ma' missieru, u kien hemm madwar tliet episodji meta missieru wissieha li kien qiegħed jagħtiha l-aħħar twissija qabel titkeċċa mill-impjieg. Qal li huwa kien tal-fehma li missieru messu keċċa lir-rikorrenti mill-impjieg qabel, iżda missieru kien jgħidlu li kien diffiċli li jsib impjegati oħrajn.

9. **Johann Demicoli**, *general manager* tas-soċjetà intimata, spjega li ilu impjegat mas-soċjetà intimata għal aktar minn għoxrin sena, u f'dan iż-żmien qatt ma kien hemm kwistjonijiet ma' impjegati oħra tal-kumpannija. Qal li l-kumpannija topera sebat iħwienet madwar Malta, u problema kontinwa li jiffaċċjaw fin-negozju hija n-nuqqas ta' impjegati, partikolarment dawk li kapaċi jitkellmu bl-Ingliż. Qal li r-rikorrenti kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata mill-24 ta' Mejju, 2016. Qal li l-*policy* tal-kumpannija hija li t-talbiet għal-*leave* mill-impjegati għandhom jiġu organizzati bejn l-impjegati stess, u dan sabiex jiġi assigurat li fil-ħwienet dejjem ikun hemm il-persunal meħtieġ. Qal li kemm damet impjegata magħhom ir-rikorrenti, il-problemi qatt ma qatgħu, u hija kellha diversi inċidenti anki ma' impjegati sħabha, kien hemm rapporti kontinwi dwar l-imġiba tagħha mal-klijenti, kien hemm problemi għaliex kienet

tirrapporta tard għax-xogħol, kienet tkun arroganti kif ukoll kienet tirrifjuta li tagħmel xogħolha. Qal li minħabba f'hekk kien hemm problemi biex tiġi ffinalizzata l-iskeda tal-impjegati fil-ħwienet, għaliex ħadd ma ried jaħdem mar-rikorrenti. Żied jgħid li finalment ittieħdet id-deċiżjoni li r-rikorrenti tibda tintbagħat taħdem fil-ħanut ta' San Ġiljan, li seta' jkun operat minn persuna waħedha. Qal imma li anki hawn ir-rikorrenti ħolqot problemi, għaliex ma kinitx iżżomm il-ħanut kif suppost u kienet tonqos milli tistokkja l-affarijiet fuq l-ixkafef, bir-riżultat li bdiet toħloq problemi għal min kellu jaħdem warajha. Qal li l-aħħar inċident li wassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti kien meta rrifjutat li tidħol ix-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018, minkejja li kienet ftehmet ma' kollega tagħha li ser tidħol xogħol dakinhar. Qal li l-kollega tar-rikorrenti kienet ħadmet kontinwament mit-8 sat-13 ta' Ottubru, 2018 bejn id-0900 u s-1900, sabiex tkopri l-*leave* tar-rikorrenti, iżda r-rikorrenti baqgħet tinsisti li fl-14 ta' Ottubru, 2018 ma kinitx ser tidħol xogħol. Qal li huwa kien ikkuntattja lid-direttur tal-kumpannija Joe Zammit Tabona, li kien talbu jinforma lir-rikorrenti li f'każ li hija tonqos milli tidħol għax-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018, hija kienet ser tiġi kkanċellata minn fuq l-iskedi kollha u għalhekk kienet ser tispiċċa mingħajr impjieg.

10. **Charmaine Grima**, *manager* mas-soċjetà intimata, spjegat li hija kienet taf lir-rikorrenti mix-xogħol, u qalet li kien hemm diversi problemi bl-attitudni tagħha. Spjegat li fil-bidu r-rikorrenti bdiet taħdem tajjeb, imma meta qalbet *full-time* kienet tieħu ħafna *sick leave.* Qalet li r-rikorrenti kienet dejjem tilmenta partikolarment dwar l-ammont ta' sigħat li kienet tintalab taħdem. Qalet ukoll li minkejja li fix-xhur tas-sajf il-*leave* ikun problema minħabba fl-

ammont ta' turisti li jiffrekwentaw il-ħwienet tas-soċjetà intimata, il-kumpannija dejjem ippruvat takkomoda lir-rikorrenti u x-xewqat tagħha li tingħata l-*leave* f'ċerti ġranet, inkluż fis-sajf. Spjegat li l-ħwienet tas-soċjetà intimata huma *souvenir shops* li jkunu impenjati ħafna fix-xhur tas-sajf, u għalhekk kull meta r-rikorrenti kienet titlob il-*leave* mingħajr pre-avviż, hija kienet toħloq problema għal sħabha. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet tilmenta ħafna anki meta tintalab tagħmel xogħol li ma jinvolvix ħlas ta' *commission,* u kien hemm episodji meta kienet takkuża lill-klijenti tal-ħanut b'serq (*shop-lifting*) meta dan ma kienx ikun minnu. Ix-xhud qalet ukoll li kellha diversi talbiet mill-impjegati fil-ħanut sabiex ma jitpoġġewx fir-*roster* mar-rikorrenti.

11. **Annabelle Aquilina** qalet li kienet impjegata tas-soċjetà intimata fil-ħanut tal-Belt bħala *sales girl,* imma kienet tagħmel ukoll xogħol ta' *security* u tassigura li l-impjegati kollha qegħdin jagħmlu xogħolhom. Ix-xhud spjegat li kien hemm inċident partikolari fejn hija talbet lir-rikorrenti tnaddaf il-ħanut, iżda hija rrifjutat, u xi ħin wara kienet anki qalet kliem mhux xieraq quddiem klijent.

12. Ix-xhud **Rita Yagoubi**, impjegata oħra tas-soċjetà intimata, wkoll qalet li ma kinitx tmur tajjeb mar-rikorrenti, li kienet tilmenta kemm jekk tingħata ħafna sigħat ta' xogħol, kif ukoll jekk tingħata ftit. Ix-xhud qalet li hija ilmentat diversi drabi mad-direttur tal-kumpannija dwar il-komportament tar-rikorrenti fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud ikkonfermat li kien hemm drabi meta r-rikorrenti kienet tasal ix-xogħol tard u s-sigħat tagħha kellhom jiġu koperti minn impjegati oħra.

13. **Gordon Caruana**, impjegat fl-uffiċċju tas-soċjetà intimata, ukoll ikkonferma li r-rikorrenti kellha kwistjonijiet kważi f'kull dipartiment u ħanut li ħadmet fih. Dan ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti kienet tkun diżonesta fid-dikjarazzjoni tal-ammont ta' sigħat li tkun ħadmet, biex tieħu ħlas żejjed li mhux dovut lilha.

14. Impjegati oħra tas-soċjetà intimata li xehdu quddiem it-Tribunal, ilkoll ikkonfermaw li r-rikorrenti kienet persuna diffiċli biex taħdem magħha, u li kienet tmur tard għax-xogħol b'mod ripetut. **Alexandra Adamczyk** qalet li kien hemm drabi meta r-rikorrenti għalqet il-ħanut qabel il-ħin. **Anthony Bonnet**, li jgħix maġenb wieħed mill-ħwienet tas-soċjetà intimata, qal li r-rikorrenti ma kinitx tiftaħ il-ħanut fil-ħin. Qal li huwa kien jassisti lil Joe Zammit Tabona f'dak li jkun meħtieġ fil-ħwienet tiegħu, u kien hemm drabi meta ikkonfronta lir-rikorrenti minħabba d-dewmien tagħha, imma hija kienet tgħidlu li dik mhux biċċa tiegħu. Impjegati oħra li xehdu, irrakkuntaw episodji simili li ġraw meta r-rikorrenti kienet xogħol magħhom.

15. **Joe Zammit Tabona**, meta reġa' xehed quddiem it-Tribunal, xehed li huwa ġibed l-attenzjoni tar-rikorrenti diversi drabi għan-nuqqasijiet tagħha, partikolarment minħabba l-kwistjonijiet li kien ikollha mal-impjegati l-oħra. Qal li kien hemm episodju partikolari meta r-rikorrenti ppretendiet il-ġurnata tal-Ħadd *leave,* u meta din ma ġietx konċessa lilha, ippreżentat ċertifikat tat-tabib fejn qalet li kienet marida. Qal ukoll li kemm il-*general manager* tal-kumpannija kif ukoll it-tifel tiegħu, spiss kienu jtuh parir biex ikeċċi lir-rikorrenti mill-impjieg.

16. **Johann Demicoli,** waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, qal li kienu ngħataw diversi twissijiet lir-rikorrenti. Qal iżda li kien hemm episodju partikolari fejn hija talbet ġimgħa *leave,* li ngħatatilha, iżda wara ddeċidiet li ma riditx tidħol xogħol lanqas il-Ħadd ta' wara. Meta din il-ġurnata *leave* ma ġietx approvata, ir-rikorrenti minn jeddha qatgħet isimha minn fuq it-*time sheet.* Qal ukoll li dwar dan huwa kien kellem lir-rikorrenti bit-*telephone,* u kien infurmaha li jekk tonqos milli tirrapporta għax-xogħol dak il-Ħadd partikolari, hija kienet ser tinqata' minn fuq ir-*roster* kompletament.

17. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha qalet li hija bdiet taħdem mas-soċjetà intimata f'Mejju tal-2016. Qalet li hija kienet taħdem ħafna sigħat f'ġurnata waħda, u għalhekk spiss kienet tħossha ma tiflaħx. Qalet li kien għalhekk li hija marret id-DIER sabiex tara x'jeddijiet għandha fil-ġranet meta hija tkun ma tiflaħx, u meta tkellmet mal-uffiċjali tad-DIER, dawn infurmawha li s-sena kienet ser tispiċċa dalwaqt, u jekk ma tiħux il-*leave* kollu hija kienet ser titlef anki l-jedd li titħallas tiegħu. Qalet li l-uffiċjal li tkellmet miegħu kien iddeċieda li jikkuntattja lis-soċjetà intimata dwar dan. Qalet li kien meta l-esponenti tas-soċjetà intimata rċevew it-telefonata mid-DIER, li nfurmawha li kienet qegħda titkeċċa mill-impjieg. Waqt id-depożizzjoni tagħha r-rikorrenti qalet li hija għandha 55 sena, u li qegħda ssibha diffiċli biex issib impjieg alternattiv, anki fuq bażi *part-time.*

18. **Ayrton Walls** mid-DIER, xehed li l-*file* f'isem ir-rikorrenti kien infetaħ wara li hija allegat li Joseph Zammit Tabona ma kienx qiegħed iħallasha l-paga kif suppost. Qal li dan l-ilment sar wara li hija ġiet imkeċċija mill-impjieg. Ix-xhud qal li minkejja li s-Sur Zammit Tabona kien ħareġ *cheque* fl-ammont ta'

€3,833.27 ħlas għas-saldu ta’ dak kollu li kien dovut lir-rikorrenti, min-naħa tagħha hija m’aċċettatux għaliex ma riditx tiffirma l-ittra li magħha kien anness ċ-*cheque*, li kienet tgħid li hija tkeċċiet mill-impjieg minħabba fil-problemi kkawżati minnha fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud ippreċiża li nfetaħ il-*file* f’isem ir-rikorrenti għaliex hija ma kinitx qegħda titħallas rata doppja għall-Ħdud u l-festi pubbliċi, u għaliex ma tħallietx tieħu l-intitolament tal-*leave* annwu tagħha u 96 siegħa *leave* oħra akkumulati mis-sena ta’ qabel, bir-riżultat li jekk dak il-*leave* jibqa’ ma jitteħidx dan jintilef. Qal ukoll li minkejja li r-rikorrenti kienet irreġistrata li taħdem ammont ridott ta’ sigħat, għal aktar minn sena hija ntalbet taħdem aktar mill-ammont massimu ta’ sigħat *full-time*.

19. **André Carbonaro**, li kien impjeat mad-DIER, qal li huwa kien spjega lir-rikorrenti li l-*leave* huwa fid-diskrezzjoni tal-prinċipal, u f’każ li l-*leave* mitlub minnha ma setax jingħatalha, hija ma setgħetx taqbad u tingassa isimha minn fuq ir-*roster* għal dik il-ġurnata.

20. Ir-rikorrenti fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija bdiet taħdem mas-soċjetà intimata f’Mejju tal-2016 bħala *salesgirl,* liema rwol kien jinkludi wkoll il-ftuħ tal-ħanut, it-tindif, il-bejgħ, il-promozzjoni tal-oġġetti u s-sigurtà tal-ħanut, fost xogħol ieħor. Spjegat li s-soċjetà intimata għandha numru ta’ ħwienet tas-*souvenirs* madwar il-pajjiż, u hija kienet tintalab taħdem l-aktar fil-ħanut “Thinking Malta” li jinsab San Ġiljan. Qalet li minn żmien għal żmien kienet tintalab taħdem ukoll fil-ħwienet l-oħra li jinsabu Paceville, San Ġiljan, Buġibba u l-Belt Valletta. Qalet li hija kienet taħdem ħafna u kienet effiċjenti, tant hu hekk li kienet tieħu l-inizjattiva hi biex tagħmel ċertu xogħol. Qalet li kien hemm uħud mill-kollegi tagħha li kienu jitkellmu ma’ Joseph Zammit Tabona u

jilmentaw dwarha, u dan min-naħa tiegħu kien jassiguraha li hija kienet korretta fil-mod kif kienet qegħda tagħmel xogħolha. Qalet ukoll li hija spiss kienet taħdem żewġ xiftijiet wara xulxin sabiex tkopri lill-kollegi tagħha li ma setgħux jidħlu xogħol, u ma kellha l-ebda problema b'dan għaliex kellha bżonn taħdem. Qalet li skont il-*policy* tal-kumpannija, ir-*roster* joħroġ ġimagħtejn qabel, u kull meta kien hemm il-ħtieġa li xi ħaddiema ma jidħlux xogħol f'xi ġurnata partikolari, isimhom kien jitħassar jew jiġi kkanċellat minn fuq ir-*roster.* Qalet li isimha ma kienx inkluż fir-*roster* għall-ġimgħa bejn il-15 u l-21 ta' Ottubru, 2018, u dan minkejja li hija ma talbitx *leave* għal dik il-ġimgħa partikolari. Ir-rikorrenti qalet li għal perijodu ta' madwar sena u nofs wara li bdiet taħdem mas-soċjetà intimata, hija qatt ma talbet *leave,* u meta bdiet titlob il-*leave* ma kienx jingħatalha. Qalet li hija kienet ġiet infurmata li f'każ li xtaqet tivvjaġġa lejn pajjiżha, il-*leave* kien jiġi approvat, iżda hija kellha bżonn il-*leave* anki meta kienet ser tibqa' Malta. Qalet ukoll li fix-xhur tas-sajf kien ikun kważi impossibbli li l-*leave* mitlub jingħata. Ir-rikorrenti spjegat li f'Ottubru tal-2018 hija kienet qegħda tfittex akkomodazzjoni alternattiva, u għalhekk kellha bżonn xi ġranet *leave* sabiex tkun tista' tagħmel il-qadi tagħha. Qalet li hija ħadet il-ġimgħa ta' bejn it-8 ta' Ottubru u l-14 ta' Ottubru, 2018 *leave.* Qalet li fis-7 ta' Ottubru, 2018 hija ħadmet żewġ xiftijiet wara xulxin f'żewġ ħwienet differenti, u riżultat ta' hekk fit-8 ta' Ottubru, 2018 kienet ma tiflaħx. Qalet li fid-9 ta' Ottubru, 2018 hija żaret l-uffiċċju tad-DIER sabiex tindaga dwar id-drittijiet tagħha, iżda ġiet infurmata li kellha bżonn tippreżenta xi dokumenti mingħand il-JobsPlus. Qalet li fl-10 ta' Ottubru, 2018 hija marret l-uffiċċju tal-JobsPlus ġewwa Birkirkara, u wara marret għand it-tabib li qalilha li kellha infezzjoni. Qalet li waqt laqgħa li kellha ma' rappreżentant tad-DIER fl-10 ta' Ottubru, 2018, hija ġiet infurmata li

jekk ma tieħux l-intitolament tal-*leave* kollu, hija kienet ser titlef nofsu, u kien għalhekk li r-rappreżentant tad-DIER tkellem ma' rappreżentant tas-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti qalet li kellha bżonn tmur f'wieħed fil-ħwienet fejn kienet taħdem, fejn setgħet tara r-*roster,* u rat li hija kienet skedata biex tidħol xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018 meta kienet *leave,* iżda ma kinitx ġiet inkluża fir-*roster* għall-ġimgħa ta' wara. Qalet li hija tkellmet ma' ċerta Lucy D'Amato, impjegata fil-ħanut, u qaltilha li isimha tniżżel fuq ir-*roster* bi żball. Qalet ukoll li kienet tkellmet ma' Charmaine Grima u ma' Johann Demicoli, li infurmawha li l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat, u ġiet infurmata wkoll li hija ma setgħet tingħata l-ebda ħlas u l-ebda ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg qabel jirritorna Joseph Zammit Tabona minn barra. Qalet li fil-15 ta' Ottubru, 2018 hija marret l-uffiċċju tad-DIER, fejn l-uffiċjali li kellmuha qalulha li kien hemm irregolaritajiet oħra bil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha. Qalet li d-DIER beda proċeduri kriminali kontra s-soċjetà intimata għaliex kienet qiegħda tirrifjuta li tħallasha dak li huwa dovut lilha. Qalet ukoll li wara li l-impjieg tagħha ġie tterminat, Joseph Zammit Tabona qatt ma pprova jikkuntattjaha u jitlobha l-verżjoni tagħha tal-fatti. Hija qalet li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, ma setgħetx issib impjieg alternattiv, u ħadmet biss għal perijodu ta' sitt xhur tul ix-xhur tas-sajf.

21. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ir-rikorrenti kkonfermat li wara t-terminazzjoni tal-impjieg li kellha mas-soċjetà intimata, hija ħadmet biss għal perijodu ta' sitt xhur waqt is-sajf. Hija ċaħdet li dan seħħ għaliex kienet tkeċċiet minn dan l-impjieg ukoll. Ir-rikorrenti qalet li d-drabi meta argumentat ma' kollegi tagħha kien minħabba li hija riedet tipproponi tibdil fil-mod kif isir ix-xogħol, iżda dawn kienu jweġbuha li ma ridux jibdlu l-prattiċi tax-xogħol. Qalet

li kien hemm istanza partikolari fejn xi ħadd mill-kollegi tagħha offendiha. Ċaħdet li kien hemm drabi meta hija marret ix-xogħol tard. Qalet ukoll li minkejja li kienet taħdem ħafna sigħat żejda, hija kienet titħallas tagħhom bir-rata normali. Spjegat li d-drabi meta waslet tard għax-xogħol kien minħabba li kien jispiċċa xift f'ħanut partikolari, u kien ikollha tirrapporta għax-xogħol fl-istess ħin f'ħanut ieħor tal-istess kumpannija.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

22. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal iddeċieda l-kawża billi astjena milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti stante li ġew eżawriti, ċaħad it-tielet u r-raba' talbiet tagħha, filwaqt li laqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**5. Kunsiderazzjonijiet***

*Ikkunsidra l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti sabiex it-Tribunal:*

*a. Jippermetti lir-rikorrenti tipproduċi d-Dikjarazzjoni tagħha bl-Ingliż u dan stante li hija persuna barranija li ma tifhimx bil-Malti, u*
*b. Jippermetti li l-proċeduri eventwali isiru wkoll bil-lingwa Ingliża, u dejjem jekk ikun hemm bżonn u jekk ikun meħtieġ, illi jiġi appuntat traduttur bil-lingwa Portugiża.*

*Jirriżulta li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess u xhieda fejn kienu komdi jixhdu bl-Ingliż saru bil-lingwa Ingliża, għalhekk dawn iż-żewġ talbiet ġew sorvolati.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba.*

*It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi t-tieni u t-tielet talba u ċioe sabiex:*

*a. Jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazjoni tal-impjieg tal-esponenti minn mas-soċjetà intimata bħala waħda nġusta ai termini tal-Artikolu 75 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*b. Illi in segwitu għall-ewwel talba jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikoli 81(2) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u jiffissa kumpens xieraq pagabbli mis-soċjetà intimata lill-esponenti.*

*Jirriżulta li r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà intimata fuq bażi part-time mill-24 ta' Mejju, 2016 sat-30 ta' Ġunju, 2017 u fuq bażi* full-time *mill-1 ta' Lulju, 2017 sat-13 ta' Ottubru, 2018. (fn. 31 a fol. 12 tal-proċess). Illi r-raġuni tat-tmiem tal-impjieg mogħtija mis-soċjetà intimata kienet* Resignation: Abandoned Place of Work. (*fn. 32 a fol. 13 tal-proċess). Ir-rikorrenti rribadiet għal aktar minn darba illi hija qatt ma abbandunat il-post tax-xogħol iżda ġiet itterminata waqt li kienet bil-leave.*

*Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited (Appell Inf. 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:*

> *"*Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt: i. Jekk l-impjegat huwiex ħati ta' kondotta ħażina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandhiex tagħti lok għat-tkeċċija. Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens ovvjament it-Tribunal irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.
>
> Illi "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bbażata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubju raġonevoli."
>
> Issa għal dak li jirrigwardja 'raġuni tajba u suffiċjenti' li trid il-liġi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg għal raġuni ġusta, dan it-Tribunal fir-rigward jagħmel referenza għal dak ritenut mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (24 ta' Ġunju, 2000 numru 8631) "*per stabilire in concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carattere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fatti addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensità dell'elemento intenzionale dall'altro, la proporzionalità fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione de prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivamente espulsiva."*

*Fil-kawża Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Limited, deċiża nhar it-28 ta' Frar, 2020, (fn. 33 Każ Numru: 3244/14; Dr Anna Mallia), ġie ritenut li f'materja ta' tkeċċija mill-impjieg iridu jitħarsu dawn il-prinċipji rakkolti mid-duttrina Ingliża u dik kontinentali fuq is-suġġett:*

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew tal-imġiba ħażina jrid ikun speċifiku, jiġifieri għandu jkun formulat b'mod ċar tal-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux aċċettat allura li l-addebitu jkun bażat fuq sempliċi suspetti vagi jew ridott għall-allużjonijiet ġeneriċi;

(2) Ir-reazzjoni mill-prinċipal trid tkun ukoll waħda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiża immedjata, u daqstant ieħor effikaċi, biex jilqa' għall-akkużi fil-konfront tiegħu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min iħaddem tesiġi, b'neċessità, li tkun immutabbli, jiġifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak miġjub 'il quddiem bħala bażi ta' akkuża u tal-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' importanza, imbagħad, huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tiġi komunikata mill-prinċipal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-għażla u l-miżura tas-sanzjoni u in rapport għall-gravità tan-nuqqas, s'intendi, valutata fl-entità tagħha, soġġettiva u oġġettiva. (*fn. 34 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri); Imħallef Sciberras; nhar l-1 ta' Marzu, 2006; Appell Ċivili numru 1/2005; fl-ismijiet Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited)*

*Id-Direttur tas-soċjetà intimata, Joseph Zammit Tabona (fn. 35 a fol. 28 et seq tal-proċess) fix-xhieda tiegħu qal li huwa mill-bidu nett flimkien ma' martu pprova jgħin lir-rikorrenti, u ċioe sa mill-ewwel darba li marret l-uffiċċju tiegħu billi martu permezz tal-media soċjali bdiet tipprova ssib akkomodazzjoni lir-rikorrenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti kontinwament kienet titlob sabiex taħdem aktar sigħat biex tirċievi paga aħjar u fil-fatt il-kumpannija intimata hekk kienet tagħmel sabiex jgħinuha. Fix-xhieda tiegħu u tat-tifel tiegħu Benjamin Zammit Tabona semmew diversi nuqqasijiet li kellha r-rikorrenti fir-rigward tas-superjuri tagħha, inkluż fil-konfront ta' Joseph Zammit Tabona, il-kollegi tagħha, u klijenti. Fosthom kienu li:*

- *Kienet targumenta mal-maġġor parti tal-kollegi tagħha tant li kellhom problema fir-*rostering *għaliex ma kinux iridu jaħdmu magħha;*
- *Insulentat kollegi tagħha;*
- *Bikkiet kollegi tagħha;*
- *Kienet tmur kontinwament tard għax-xogħol;*
- *Kienet tniżżel sigħat aktar milli effettivament kienet taħdem;*

- *Imorru t-tfal tagħha fuq il-post tax-xogħol u joqogħdu hemm minkejja li kienet ingħatat struzzjonijiet sabiex dan ma jsirx;*
- *Fl-aħħar kienet ingassat isimha minn fuq ir-*roster *mingħajr awtorizzazzjoni;*
- *Ħadet* leave *li ma kienx awtorizzat.*

*Barra minn hekk Joseph Zammit Tabona xehed illi kien taha mill-anqas 15-il* warning *verbali.*

*Kollegi tar-rikorrenti li xehdu fil-proċeduri semmew ukoll li:*

- *Kien hemm okkażjoni fejn marret fuq familja u qaltilhom li kienu serqu mill-ħanut;*
- *Kien hemm okkażjoni fejn daħlu għalliema ma' studenti tagħhom u qaltilhom biex iżommu għajnejhom fuq l-istudenti ħalli ma jisirqu xejn;*
- *Kienet ħalliet tape fuq il-bank imwaħħal b'nemus mejjet u sabithom il-kollega tagħha fis-*shift *ta' warajha.*

*Min-naħa l-oħra r-rikorrenti fix-xhieda tagħha qalet illi hija kienet tmur tajjeb tant mal-kollegi li saħansitra kollega li kienet taħdem magħha b'mod regolari, Rita Yagoubi kienet tgħidilha li m'hemm ħadd jiġri warajha sabiex tlesti parti mill-irwol tagħha u ċioe li tipprezza u tpoġġi l-affarijiet fuq l-ixkafef. Kompliet tgħid illi hija taħseb illi din hija wkoll ir-raġuni għaliex il-kumpannija kienet ittiha ħafna* shifts *x'taħdem.*

*Għalhekk it-Tribunal qed jiġi rinfaċċjat b'verżjonijiet totalment differenti.*

*Huwa ritenut illi:*

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet dijametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit non ei qui negat.* Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tesiġi li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali rikjesta f'kawża ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabiltajiet. Mera possibilità mhux suffiċjenti biex tirradika r-responsabbilità ċivili" *– (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004).*

*F'dan il-każ il-ġudikant huwa ggwidat mill-insenjament mogħti fis-sentenza fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia" mogħtija fl-24 ta' Novembru, 1966 fejn kien ingħad hekk: (fn. 36 Rik. Nru: 101/2010JPG):*

> "Il-konflitt fil-provi huwa xi ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u l-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo."

*Mill-provi jirriżulta illi dak li xehed dwaru Joseph Zammit Tabona ġie kkorroborat minn diversi xhieda oħra. Barra minn hekk, kollegi tal-istess rikorrenti semmew inċidenti oħra li ġraw meta kienu xogħol magħha. Żewġ xhieda li ġew imressqa min-naħa tas-soċjetà intimata kienu żewġ* suppliers, *li kienu biss imorru l-ħanut sabiex iħallu l-prodotti u jiġbru xi* returns, *iżda jirriżulta li wara inċidenti li kellhom mar-rikorrenti ma baqgħux imorru jagħtu l-prodotti tagħhom meta jkun hemm hija, għaliex kienu jħossuhom skomdi. Mill-provi mressqa jirriżulta illi r-rikorrenti kellha diversi inċidenti kemm ma' kollegi tagħha, kemm ma' superjuri tagħha u kif ukoll ma' terzi li kienu jmorru ġewwa l-ħwienet fejn kienet tinzerta tkun hija, kemm* suppliers, *kif ukoll anke sempliċement persuna li tgħin.*

*Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha rribadiet illi hija qatt ma kellha problemi la ma' kollegi tagħha u lanqas ma' superjuri tagħha u li qatt ma kienet ingħatat twissijiet iżda t-Tribunal ma huwiex moralment konvint illi l-istess rikorrenti qatt ma ngħatat twissijiet. Joseph Zammit Tabona spjega li għalkemm ta diversi twissijiet lir-rikorrenti huwa qatt ma wasal ikeċċiha għaliex kien hemm nuqqas kbir ta' impjegati f'din l-industrija. It-Tribunal konvint li r-rikorrenti kienet konxja ta' kull twissija li ngħatatilha iżda anke jekk dan kien ripetutament bħal iżda mhux limitatament tiftaħ il-ħanut tard minkejja li ġiet imwissija diversi drabi fuq hekk.*

*It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi jekk effettivament ir-rikorrenti abbandunatx il-post tax-xogħol tagħha.*

*Ir-rikorrenti spjegat illi hija kienet talbet għal ġimgħa* leave *u ċioe mit-8 ta' Ottubru sal-14 ta' Ottubru. Kompliet tispjega li f'dik il-ġimgħa partikolari hija kienet marret għand id-DIER sabiex tara d-drittijiet tagħha. Qalet li saru telefonati minn quddiemha min-naħa tad-DIER, speċifikament minn Andre Carbonaro fejn kien saħansitra informaha li l-kumpannija kienet itterminatilha l-impjieg tagħha mingħajr ma hija kienet taf. Għalhekk kienet marret il-ħanut sabiex tara r-*roster *u b'sorpriża kbira rat illi hija kienet imniżżla bħala xogħol fl-14 ta' Ottubru meta hija kienet b'*leave *awtorizzat, u li fir-*roster *tal-ġimgħa tal-15 ta' Ottubru isimha ma kienx imniżżel.*

*Min-naħa l-oħra Demicoli fix-xhieda tiegħu qal illi r-rikorrenti kienet ingħatat il-*leave *fil-ġranet li talbet u ċioe mit-8 ta' Ottubru sat-13 t'Ottubru. Jumejn jew tlett ijiem qabel il-Ħadd, 14 ta' Ottubru, huwa ġie informat illi r-rikorrenti marret il-ħanut u kienet ingassat isimha minn fuq ir-*roster. *Huwa kien ċempel lil Joseph Zammit Tabona li kien imsiefer fejn kien infurmah x'kien ġara. Demicoli kien ċempel lir-rikorrenti fuq struzzjonijiet ta' Joseph Zammit Tabona u qalilha li jekk ma kinitx ser tidħol il-Ħadd, kienet ser tiġi tterminata. Ir-rikorrenti kienet marret il-ħanut tikkonfronta lil Demicoli u kien reġa' kkjarifika ruħhu.*

*Xehed ukoll ir-rappreżentant tad-DIER fejn qal li meta kellem lir-rikorrenti kien spjegalha li l-prinċipal għandu diskrezzjoni meta jagħtiha l-*leave *u li hi ma kellha l-ebda jedd taqbad u taqta' isimha minn fuq ir-*roster*.*

*Jirriżulta li r-rikorrenti ngassat isimha minn fuq ir-*roster *u dan anke wara li Charmaine Grima (fn. 37 vide xhieda tal-istess) ppruvat tirranġalha għal-*leave*, u kellha ordnijiet ċari u inekwivoċi mingħand Demicoli biex tidħol għax-xogħol, ir-rikorrenti baqgħet ma daħlitx għax-xogħol u baqgħet tinsisti li l-*leave *kien awtorizzat. Li dan it-Tribunal ma jistax jifhem huwa għaliex ir-rikorrenti, u skont it-*timeline *li tat hija stess, kienet ma tiflaħx u dan ben qabel l-14 ta' Otturbu, iżda xorta bdiet tmur il-ħanut tiċċekkja x'inhu jiġri fir-*roster *meta skont hi l-*leave *kien awtorizzat, u in oltre kienet ma tiflaħx.*

*B'referenza għal Selwyn's Law of Employment (fn. 38 Twentieth edition; page 411, B. Constructive Dismissal; par. 17.53) ingħad hekk:*

> "... The facts were that Clarke wanted to go to Jamaica on extended unpaid leave, but permission was refused by the employers as he had already exhausted his entitlement under the rules. When he asked what would happen if he went without permission he was told that his name would be removed from the books. Nonetheless, he went to Jamaica, stayed for seven weeks, and his return he submitted a medical note, which the employment tribunal viewed 'with some surprise'. While he was away, the employers wrote to his home address, stating that if no reply was received within 14 days it would be assumed that he did not wish to continue his employment and eventually his name was removed from the books. When he returned from Jamaica, he applied for his job back, and when this was refused, he claimed that he had been unfairly dismissed. For the employers, it was argued that the applicant had 'resigned' but this view was rejected. It is trite law that if a person breaks a contract, the other party has two options: he can either accept the breach, and treat the contract as being at an end, or refuse to do so, and treat the contract as still subsisting. If he accepts the breach, he terminated the contract. Thus Clarke had been dismissed, and had not resigned.

However, the Court of Appeal then went on to find that the dismissal, in the circumstances, was fair."

*Illi l-fatti speċie tal-kawża odjerna huma l-istess, għaliex anke jekk għas-saħħa tal-argument ir-rikorrenti bi żball ħasbet li għandha l-*leave *awtorizzat sal-Ħadd 14 ta' Ottubru, meta marret u rat ir-*roster *u rat illi l-Ħadd kienet xogħol, hija qabdet u ingassat isimha minn fuq ir-*roster. *Jekk sadanittant baqgħet taħseb li l-*leave *kien awtorizzat, meta Johann Demicoli kien ċemplilha u spjegalha illi l-Ħadd ma kellhiex il-*leave *awtorizzat, allura hija kienet infurmata anke bil-fomm. Jirriżulta li minkejja li Johann Demicoli qalilha li jekk ma tmurx għax-xogħol kienet ser tiġi tterminata, ir-rikorrenti ma marritx għax-xogħol. Min-naħa l-oħra li ma jistax jifhem it-Tribunal huwa li jekk ir-rikorrenti kienet daqshekk ċerta li kellha l-*leave *awtorizzat x'kien l-iskop li għamlet ċertifikat mediku għall-ġranet li skont hija kienet* leave. *(fn. 39 a fol. 10 u 261 tal-proċess)*

*Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha rrimarkat illi hija ġiet itterminata fit-13 t'Ottubru, liema ħaġa qatt ma setgħet tiġri għaliex kienet bil-*leave. *It-Tribunal ma jistax ma jiġbidx l-attenzjoni illi t-13 ta' Ottubru hija mmarkata bħala l-aħħar ġurnata tax-xogħol u mhux bħala l-ġurnata li ġiet imkeċċija.*

*Jirriżulta ċar illi r-rikorrenti ma kellhiex il-*leave *awtorizzat għall-14 ta' Ottubru, 2018 u minkejja li ġiet imwiddba li jekk ma kinitx ser tidħol għax-xogħol hija kienet ser tiġi tterminata, hija xorta ma marritx għax-xogħol u għalhekk it-tkeċċija tagħha kienet għal raġuni valida.*

***6. Konklużjoni***

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements *tal-każ tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal għall-konklużjoni li r-raġuni tat-tkeċċija kienet waħda ġusta tenendo kont illi minkejja li kienet imwissija diversi drabi, meta ġiet imwissija sabiex tidħol għax-xogħol minħabba l-*leave *tagħha ma kienx awtorizzat hija rrifjutat li tmur għax-xogħol.*

***7. Decide***

*Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddisponi mill-kawża billi:*

*Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ talbiet stante li ġew eżawriti, jiċħad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata."*

## L-Appell

23. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell intavolat fil-21 ta' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tilqa' l-aggravju tagħha, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal, fejn ġie deċiż li hija abbandunat l-impjieg u li ġiet terminata ġustament skont il-liġi, filwaqt li tillikwida l-kumpens pagabbli lir-rikorrenti.

24. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija legalment żbaljata għaliex hemm kunflitt dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg saritx abbażi ta' tkeċċija inġusta da parti tal-prinċipal, jew inkella jekk din saritx għaliex l-appellanta abbandunat l-impjieg tagħha. L-appellanta spjegat li t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ddeċieda li hija tkeċċiet ġustament mill-impjieg, u għalhekk it-Tribunal qabel magħha li kien hemm tkeċċija mill-impjieg, u mhux l-abbandun tal-post tax-xogħol mill-appellanta. Qalet li dan ifisser li l-impjieg tagħha ġie tterminat mis-soċjetà appellata, u mhux kienet l-appellanta li tterminat billi abbandunat il-post tax-xogħol tagħha. Qalet li t-Tribunal għalhekk donnu naqas milli jieħu konjizzjoni tal-fatt li r-raġuni mogħtija lilha kienet li hija abbandunat il-post tax-xogħol u mhux li kien hemm tkeċċija, filwaqt li ġġustifika t-tkeċċija billi qal li kienet ġusta. Qalet li dan il-kunflitt inħoloq għaliex it-Tribunal naqas milli jevalwa jekk hija verament abbandunatx l-impjieg tagħha, jew inkella jekk tkeċċietx għaliex ma obdietx l-ordni li tirrapporta għax-xogħol. L-appellanta qalet li hija qatt ma tat l-impressjoni li hija riedet tittermina l-impjieg tagħha, jew li ma kinitx ser tirrapporta għax-xogħol, u kienet is-soċjetà appellata li avżatha, permezz ta' rappreżentant tad-DIER, li hija kienet qegħda tiġi tterminata mill-impjieg tagħha f'telefonata li saret qabel l-14 ta' Ottubru, 2018,

u sussegwentement anki direttament lilha ukoll qabel l-14 ta' Ottubru, 2018. L-appellanta qalet li meta hija marret fil-post tax-xogħol tagħha u vverifikat ir-*roster,* kienet sabet li hija ma ġietx skedata biex tkun xogħol fil-ġimgħa li bdiet fil-15 ta' Ottubru, 2018, u fit-13 ta' Ottubru, 2018, Johann Demicoli kien diġà infurmaha li l-impjieg tagħha kien qiegħed jiġi tterminat.

25. L-appellanta qalet li biex it-Tribunal seta' jikkonkludi li t-terminazzjoni tal-impjieg saret minħabba abbandun, dan kellu l-obbligu li jiddetermina jekk l-elementi li jikkostitwixxu abbandun tax-xogħol kinux preżenti jew le. Qalet li meta persuna ma tattendix għax-xogħol għal ġurnata waħda biss, ma jistax jiġi konkluż li l-impjegat abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu, speċjalment jekk ikun hemm l-intenzjoni ċara li l-impjegat ser jirritorna għax-xogħol fil-ġurnata ta' wara. Qalet li hija dejjem għamlitha ċara li kien fi ħsiebha tirritorna għax-xogħol u li ma kellha l-ebda intenzjoni li tabbanduna x-xogħol tagħha. Qalet li is-soċjetà appellata wissietha sabiex tirritorna lura għax-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018 għaliex il-*leave* tagħha ġie revokat, iżda din ir-revoka u twissija ma sarux skont il-liġi għaliex hija kienet qegħda fuq *vacation leave* li kellu jiġi kkonvertit *f'sick leave.* Qalet li kien ikun aktar opportun li kieku minflok ittieħdet id-deċiżjoni arbitrarja li hija titkeċċa mill-impjieg, infetħu proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tagħha sabiex jiġi determinat jekk in-nuqqas tagħha li tidħol xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018 kienx minħabba li l-*leave* tagħha ma kienx approvat, jew inkella kienx hemm raġuni valida għal dan. L-appellanta kompliet tgħid li n-nuqqas tagħha li tidħol ix-xogħol f'ġurnata waħda biss minħabba diżgwid dwar jekk il-*leave* kienx approvat jew le, mhijiex ekwivalenti għall-abbandun tal-post tax-xogħol da parti tagħha, ladarba l-intenzjoni tagħha kienet li tirritorna lura x-

xogħol fil-ġurnata ta' wara. L-appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Joseph Zammit Tabona li qal li l-appellanta ma abbandunatx l-impjieg tagħha, iżda tkeċċiet minħabba lista ta' raġunijiet u inċidenti li kienu intollerabbli għal kulħadd. L-appellanta qalet li hija ġiet infurmata li l-impjieg tagħha ġie tterminat minħabba abbandun tax-xogħol, iżda hija ma rċeviet l-ebda ittra ta' terminazzjoni jew komunikazzjoni bil-lista ta' raġunijiet u inċidenti li setgħu jiġġustifikaw it-tkeċċija tagħha mill-impjieg.

26. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li d-deċiżjoni tat-Tribunal dwar il-validità tal-*leave* hija legalment żbaljata u tmur kontra l-klawsola 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.115, *Annual Leave National Standard Order* u klawsola 3 tar-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali. Qalet li ladarba t-Tribunal iddetermina li ma kienx hemm abbandun tax-xogħol iżda tkeċċija mill-impjieg da parti tal-prinċipal, it-Tribunal kellu l-obbligu li jiddetermina jekk tali tkeċċija saritx għal raġuni tajba jew le. L-appellanta qalet li hija qatt ma ngħatat ir-raġuni għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg, u kienet is-soċjetà appellata li dejjem saħqet li t-terminazzjoni saret mill-impjegata. Qalet li r-raġunijiet għaliex hija tkeċċiet mill-impjieg bdew jiġu elenkati waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, u għalhekk huwa diffiċli tifhem kif ir-raġunijiet ta' tkeċċija jistgħu jitqiesu li huma validi u ġusti meta s-soċjetà appellata ma tatha l-ebda raġuni lill-appellanta meta tterminatilha l-impjieg.

27. L-appellanta qalet li t-Tribunal ikkonkluda li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg kienet waħda valida u tajba skont il-liġi, għaliex hija ngħatat diversi twissijiet, u minkejja li l-*leave* tagħha ma kienx awtorizzat, hija xorta waħda rrifjutat li tidħol għax-xogħol. Qalet li t-Tribunal spjega li huwa ddetermina li l-*leave* ma kienx

awtorizzat, anki għaliex Johann Demicoli kien infurmaha li jekk tonqos li tirrapporta għax-xogħol, l-impjieg tagħha kien ser jiġi tterminat. Qalet li din hija deċiżjoni li toħloq preċedent perikoluż ħafna għaliex it-Tribunal implika li jekk il-*leave* jiġi awtorizzat, dan jista' jiġi revokat unilateralment mill-prinċipal f'kull ħin u meta jfettillu, anki jekk l-impjegat ikun diġà qiegħed fuq *leave.* Qalet li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal implika li l-*leave* jista' jiġi revokat b'sempliċi telefonata mill-prinċipal, fejn dan jinforma lill-impjegat li l-*leave* mhux aktar awtorizzat, u dan imur kontra l-artikolu 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.115. L-appellanta qalet li l-prinċipal ma setax jinfurmaha li l-*leave* tagħha ma kienx qiegħed jiġi awtorizzat u li hija kellha tirritorna x-xogħol sempliċiment għaliex huwa biddel fehemtu wara li kien hemm qbil bejniethom, u aktar minn hekk il-prinċipal ma setax ikeċċiha mill-impjieg bl-iskuża ta' "abbandun ta' xogħol" sempliċiment għaliex hija għamlet użu mid-dritt tagħha skont il-liġi.

28. L-appellanta qalet li dan mhuwiex każ fejn hija ħasbet li kellha l-*leave* approvat, bħallikieku l-approvazzjoni tal-*leave* kienet xi ħaġa li hija mmaġinat. Qalet li l-*leave* mhux biss kien awtorizzat, iżda kien hemm qbil ukoll li hija kellha tkun fuq *leave* għall-perijodu kollu bejn it-8 ta' Ottubru u l-14 ta' Ottubru, 2018. L-appellanta qalet li applikazzjoni ġusta tal-liġi kienet tirrikjedi analiżi dwar jekk kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-*leave,* u mhux dwar jekk l-awtorizzazzjoni baqgħetx *in vigore.* Qalet li r-revoka tal-awtorizzazzjoni, jiġifieri l-ksur ta' dan il-qbil mis-soċjetà intimata, permezz tat-telefonati ta' Johann Demicoli, huwa sempliċiment prova ta' ksur ta' dan l-artikolu u mhux tan-nuqqas ta' qbil kif rikjest mil-liġi.

29. L-appellanta qalet li t-Tribunal ma kienx konvint li l-*leave* tagħha kien awtorizzat għaliex hija ppreżentat ċertifikat mediku għall-perijodu li suppost kien kopert bil-*leave.* Qalet li t-Tribunal għażel li ma jirrikonoxxix il-validità ta' dan iċ-ċertifikat mediku għaliex kien ikopri perijodu li fih l-appellanta qed tgħid li kienet bil-*vacation leave.* L-appellanta qalet li l-liġi Maltija tirrikonoxxi żewġ tipi differenti ta' *leave, vacation leave* u *medical leave,* u dawn iż-żewġ tipi ta' *leave* huma distinti minn xulxin. Qalet li l-fatt li hija spiċċat marida waqt li kienet bil-*vacation leave,* awtomatikament bidel l-iskop tal-*leave* minn *vacation* għal *sick leave,* u hija ma baqgħetx tuża l-*vacation leave* tagħha, iżda kienet qegħda tuża s-*sick leave,* u biex setgħet issir din il-bidla kienet ir-responsabbilità tagħha li tippreżenta ċertifikat mediku għal dan l-iskop. L-appellanta qalet li hawnhekk it-Tribunal ħoloq preċedent perikoluż ieħor meta kkonkluda li l-ebda impjegat ma jista' jagħmel użu mis-*sick leave* jekk jispiċċa marid waqt il-*vacation leave,* għaliex l-ebda impjegat ma jkollu kontroll fuq sitwazzjonijiet bħal dawn. L-appellanta qalet ukoll li ladarba t-Tribunal ħa konjizzjoni tal-prova taċ-ċertifikat mediku, ma setax ma jieħux ukoll konjizzjoni li l-appellanta kienet qegħda bil-*vacation leave* fil-perijodu in kwistjoni, jiġifieri sal-14 ta' Ottubru, 2018. Qalet li t-tip ta' *leave* li kellha huwa irrilevanti, għaliex hija kellha dritt bil-liġi li tagħmel użu mis-*sick leave* minħabba fiċ-ċirkostanzi ta' mard li nqalgħulha. Qalet li hija kienet koperta b'ċertifikat mediku u t-Tribunal kellu sempliċiment jiddetermina jekk kinitx bil-*leave* jew inkella kinitx abbandunat il-post tax-xogħol. Saħqet li anki li kieku t-Tribunal kellu jikkonkludi li hija ma kinitx koperta bil-*vacation leave,* jirriżulta bħala fatt mhux kontestat li hija kienet koperta bis-*sick leave,* u għalhekk ma kinitx obbligata tidħol ix-xogħol jew tiġi akkużata li abbandunat l-impjieg tagħha.

30. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas ukoll milli jieħu konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 36(14) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispjegaw ir-raġunijiet għalfejn persuna definittivament ma tistax tiġi mkeċċija, fosthom meta impjegat jieħu sehem fi proċeduri kontra l-prinċipal tiegħu li jinvolvu l-allegat ksur ta' liġijiet jew regolamenti, jew li l-impjegat jirrikorri għand l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti. Qalet li l-fatti li wasslu għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg diġà ġew spjegati, u hija ġiet imkeċċija wara li marret id-DIER biex tippreżenta ilment u tikseb informazzjoni dwar id-drittijiet tagħha. Qalet li dan kollu ġie spjegat quddiem it-Tribunal, li naqas milli japprezza dawn il-fatti u japplika l-liġi qabel jasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellanta qalet li t-Tribunal erronjament wasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija tagħha mill-impjieg saret abbażi ta' raġuni valida skont il-liġi, għaliex hija naqset milli tattendi għax-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018 wara li oriġinarjament kien hemm qbil li hija tieħu l-*leave* bejn it-8 ta' Ottubru u l-14 ta' Ottubru, 2018, liema awtorizzazzjoni ġiet revokata unilateralment mill-kumpannija. Żiedet tgħid li minkejja l-*vacation leave* validu tagħha, hija kienet ukoll awtorizzata ma tidħolx għax-xogħol minħabba ċirkostanzi ta' mard, kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku, u fi kwalunkwe każ, iċ-ċirkostanzi juru li hija tkeċċiet mill-impjieg wara li fittxet l-għajnuna tad-DIER.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

31. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata qalet li l-aggravji mressqa mill-appellanta mhumiex sostenibbli u d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata. Qalet li fil-każ odjern kien hemm abbandun kif ukoll tkeċċija tal-appellanta mill-post tax-xogħol minħabba l-karattru diffiċli ħafna tagħha u l-fatt li hija sfidat lill-prinċipal tagħha u qatgħet isimha minn fuq it-*time sheet,* u

b'hekk abbandunat il-post tax-xogħol. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għax-xhieda ta' André Carbonaro mid-DIER li qal li kien informa lill-appellanta li ma setgħetx taqbad u taqta' isimha minn fuq it-*time sheet.*

32. Is-soċjetà appellata saħqet li l-artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.115 jistipula li l-*leave* bi ħlas għandu jittieħed fi ġranet maqbula bejn il-prinċipal u l-impjegat, u ladarba isem l-appellanta kien inkluż fit-*time sheet* tal-14 ta' Ottubru, 2018, dan ifisser li l-*leave* tagħha għal dik il-ġurnata ma kienx approvat, partikolarment ladarba l-appellanta ma ressqet l-ebda prova ta' tali approvazzjoni.

33. Is-soċjetà appellata qalet li d-deċiżjoni appellata kienet ċara, u spjegat li r-raġuni għat-tkeċċija kienet ġusta, għaliex għalkemm l-appellanta kienet ġiet imwissija diversi drabi oħra qabel, meta ġiet imwissija sabiex tidħol xogħol għaliex il-*leave* tagħha ma kienx awtorizzat, l-appellanta xorta waħda rrifjutat li tmur ix-xogħol. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għal diversi provi ġew prodotti, li juru li l-appellanta kienet involuta f'diversi inċidenti serji li kellhom iwasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Qalet li l-aħħar inċident kien meta sfidat lill-prinċipal tagħha u naqset milli tidħol xogħol, wara li ħassret isimha minn fuq ir-*roster.* Is-soċjetà appellata qalet li jkun inutli li ssir distinzjoni bejn abbandun u tkeċċija, għaliex iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern juru li t-tkeċċija tal-appellanta mill-impjieg kienet ġustifikata. Is-soċjetà appellata qalet li l-allegazzjoni tal-appellanta li hija kellha xi *leave* li ġie approvat, u li dan il-*leave* sussegwentement ġie revokat, ma ġietx ippruvata, u lanqas ma ġie ppruvat li l-appellanta kienet marida. Qalet ukoll li anki jekk l-appellanta kienet marida, l-

appellanta stess xehdet li matul il-perijodu li fih suppost li kienet bis-*sick leave,* hija kienet qed tagħmet il-qadi tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

34. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

*L-ewwel aggravju:* *deċiżjoni legalment żbaljata dwar jekk kienx hemm tkeċċija tal-impjegata jew inkella kinitx hija li abbandunat il-post tax-xogħol*

35. L-appellanta tħossha aggravata għaliex it-Tribunal naqas milli jikkonsidra jekk hija tkeċċietx mill-post tax-xogħol tagħha, jew inkella kinitx hi li abbandunat il-post tax-xogħol. Qalet li t-Tribunal qiegħed jaqbel magħha li hija tkeċċiet mill-impjieg, u dan minkejja li s-soċjetà appellata tikkontendi li hija abbandunat ix-xogħol tagħha. L-appellanta qalet li l-impjieg tagħha ġie tterminat, u mhux minn jeddha ma marritx iżjed għax-xogħol, anzi hija dejjem uriet l-intenzjoni li tirritorna lura x-xogħol wara li jgħaddi l-perijodu tal-*leave* approvat, iżda b'sorpriża għaliha sabet li ma kinitx ġiet inkluża fir-*roster* tal-ġimgħa li bdiet fil-15 ta' Ottubru, 2018. L-appellanta qalet ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra jekk l-elementi ta' abbandun ġewx sodisfatti.

36. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li l-appellanta, li kienet ilha aktar minn sentejn taħdem mas-soċjetà appellata, talbet xi ġranet ta' *leave* għall-perijodu

bejn it-8 ta’ Ottubru, 2018 u t-13 ta’ Ottubru, 2018, u dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll minn Johann Demicoli, *general manager* tal-kumpannija. Jirriżulta wkoll li l-*leave* għal dawn il-ġranet kien ġie approvat, u l-appellanta ma kinitx mistennija li tmur fil-post tax-xogħol f’dawn il-ġranet. L-appellanta tgħid li anki l-ġurnata tal-14 ta’ Ottubru, 2018 kienet approvata bħala ġurnata ta’ *leave,* iżda fl-atti ma nġabet l-ebda prova ta’ dan, u fil-fatt jirriżulta li isem l-appellanta kien inkluż fit-*time sheet* tal-14 ta’ Ottubru, 2018, li jfisser li l-*leave* anki jekk kien ġie mitlub minnha, għal dik il-ġurnata partikolari ma kienx approvat. Dan ġie kkonfermat mix-xhieda ta’ Johann Demicoli nnifsu, li qal li l-kollegi tal-appellanta kien ilhom ikopruha għal ġimgħa sħiħa b’xiftijiet twal sabiex hija setgħet tieħu l-*leave* li kellha approvat, iżda fl-14 ta’ Ottubru, 2018 hija kienet mistennija li tirrapporta għax-xogħol. Dan kollu ġie spjegat lill-appellanta minn Johann Demicoli f’konversazzjoni telefonika li kellu magħha, fejn saħansitra widdibha li jkk tonqos milli tirrapporta għax-xogħol fl-14 ta’ Ottubru, hija kienet ser titkeċċa mill-impjieg stante li ma kinitx ser tiġi inkluża fir-roster tal-ġimgħa ta’ wara jew fl-iskedi ta’ wara. Minkejja dan, l-appellanta dehrilha li kellha tmur f’wieħed mill-ħwienet fejn kienet qed taħdem fil-ġimgħa li matulha kienet bil-*vacation leave,* u meta rat li isimha kien imniżżel fuq it-*time-sheet* tal-14 ta’ Ottubru, 2018, din ingassat isimha minn fuq ir-*roster.* Kienet din l-azzjoni tal-appellanta li wasslet biex finalment ġiet itterminata mill-impjieg, u dan wara li mill-provi rriżulta li l-appellanta kienet ingħatat diversi twissijiet minħabba fl-atteġġjament tagħha fuq il-post tax-xogħol, fil-konfront ta’ sħabha u saħansitra fil-konfront tad-diretturi tal-kumpannija.

37. Il-Qorti tqis li ladarba ma nġabet l-ebda prova li l-appellanta kellha xi forma ta’ approvazzjoni sabiex fl-14 ta’ Ottubru, 2018 ma tirrappurtax għax-xogħol, hija ma kinitx ġustifikata li taqbad u tingassa isimha minn fuq it-*time-sheet,* partikolarment wara li kien tkellem magħha Johann Demicoli u spjegalha li jekk hija tonqos milli tidħol ix-xogħol f’dik il-ġurnata partikolari, kienet ser titkeċċa mill-impjieg. Mill-provi jirriżulta li s-sistema ta’ tal-*leave* fi ħdan is-soċjetà appellata kienet tirrikjedi li l-impjegati jaslu fi ftehim bejniethom dwar min ser ikopri lil min fil-ġranet meta xi ħadd ikollu bżonn ġurnata *leave,* u għalhekk ċertament li din l-azzjoni unilaterali da parti tal-appellanta kienet ser taffettwa lill-kumplament ta’ sħabha fuq il-post tax-xogħol. Il-fatt li l-appellanta insistiet li fl-14 ta’ Ottubru, 2018 hija titneħħa minn fuq ir-*roster,* u li waħedha qabdet u ngassat isimha minn fuq ir-*roster* mingħajr ma kellha l-approvazzjoni ta’ ħadd biex tagħmel dan, ifisser li kienet l-appellanta li minn jeddha ddeċidiet li tabbanduna l-post tax-xogħol tagħha f’ġurnata meta hija kienet mistennija li tidħol xogħol. Kienet id-deċiżjoni tal-appellanta li tabbanduna l-post tax-xogħol tagħha, li wasslet lis-soċjetà appellata li tiddeċiedi li hija għandha titkeċċa mill-impjieg. Hawnhekk għandha raġun is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha, meta tgħid li dan kien każ ta’ abbandun da parti tal-impjegata, segwit bit-tkeċċija tagħha mill-priċipal tagħha. Il-Qrati tagħna spiss jagħmlu distinzjoni bejn impjegat li jieħu *leave* mingħajr permess, u l-abbandun tax-xogħol da parti tal-impjegat. Fl-ewwel każ it-teħid ta’ *leave* mingħajr permess jista’ jwassal għat-terminazzjoni tal-impjieg da parti tal-prinċipal, iżda fejn hemm abbandun tax-xogħol, it-terminazzjoni tal-impjieg titqies li saret mill-impjegat. Fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi li kull każ irid jiġi determinat skont il-fattispeċie tiegħu.

38. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-appellanta kienet qegħda tabbanduna l-post tax-xogħol tagħha meta insistiet li ma tidħolx ix-xogħol f'ġurnata partikolari, wara li l-prinċipal tagħha wissieha li jekk f'dik il-ġurnata partikolari hija tonqos milli tirrapporta għax-xogħol, hija kienet ser titkeċċa mill-impjieg. L-appellanta sfidat lill-prinċipal, billi meta rat li isimha tniżżel fuq ir-*roster* xorta waħda, hija qabdet u ingassat isimha, filwaqt li naqset milli tirrapporta għax-xogħol f'dik il-ġurnata partikolari. Huwa minnu li l-appellanta sussegwentement ippreżentat ċertifikat mediku f'tentattiv sabiex iddawwar il-ġurnata ta' *vacation leave* f'*sick leave,* iżda l-Qorti sejra tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar dan fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tat-Tribunal, għaliex dan huwa każ fejn l-abbandun tal-post tax-xogħol da parti tal-appellanta, anki jekk għal ġurnata waħda, wassal għat-tkeċċija tagħha mill-impjieg mill-prinċipal tagħha.

*It-tieni aggravju:* *deċiżjoni żbaljata dwar il-validità tal-*leave

39. L-appellanta qalet li ladarba t-Tribunal iddeċieda li kien hemm tkeċċija, dan kellu jara jekk it-tkeċċija tagħha mill-impjieg saritx għal raġuni valida jew le. L-appellanta esprimiet tħassib għaliex skont it-Tribunal, *vacation leave* li jiġi approvat jista' jiġi irtirat mill-prinċipal unilateralment, u anki b'sempliċi telefonata. Qalet li dan ikun ifisser li l-prinċipal jista' jibdel fehemtu wara li l-*leave* ikun approvat. Qalet ukoll li s-soċjetà appellata ġabet l-iskuża li kienet hi li abbandunat il-post tax-xogħol għaliex għamlet użu mid-drittijiet tagħha skont il-liġi. L-appellanta qalet li t-Tribunal injora għal kollox il-validità taċ-ċertifikat

mediku ppreżentat minnha, u l-fatt li l-*vacation leave* għal dik il-ġimgħa partikolari ġiet ikkonvertita f'*sick leave* wara li hija rrikorriet għand tabib għaliex ħassitha ma tiflaħx. Qalet li għalhekk it-Tribunal kellu jikkonsidra li fil-ġurnata tal-14 ta' Ottubru, 2018, hija kienet koperta bis-*sick leave,* u ppreżentat ċertifikat mediku għal dan il-għan. L-appellanta qalet wkoll li hija tkeċċiet mill-impjieg wara li kienet indagat mad-DIER sabiex tara xi drittijiet għandha, u ġie stabbilit li l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha aktarx li jiksru l-liġi.

40. Il-Qorti qieset dan l-aggravju fit-tul minħabba l-implikazzjonijiet ta' dak li qegħda tallega l-appellanta. Huwa minnu li l-appellanta ppreżentat ċertifikat mediku sabiex tipprova li fl-14 ta' Ottubru, 2018 hija kienet indisposta minħabba raġunijiet mediċi, u kien għalhekk li hija naqset milli tirrapporta għax-xogħol f'dik il-ġurnata. Iżda l-Qorti ma tistax twarrab jew tinjora dak li seħħ fil-ġranet ta' qabel, jiġifieri l-fatt li l-appellanta kienet fuq *vacation leave* u waqt li kienet bil-*leave* ħassitha ma tiflaħx. Minkejja dan, fuq ammissjoni tagħha stess, hija xorta waħda baqgħet għaddejja bil-qadi tagħha, baqgħet toħroġ minkejja li suppost li kienet marida, u f'jum minnhom saħansitra marret f'wieħed mill-ħwienet tal-kumpannija li kienet taħdem magħha, mhux biex tippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-mard, li skont hi kien ikopriha sal-14 ta' Ottubru, 2018, iżda sabiex tirritorna ċ-ċwievet tal-ħanut, u waqt li kienet hemm ingassat isimha minn fuq it-*time sheet* meta rat li hija suppost kellha tkun xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018. L-iskuża li fl-14 ta' Ottubru, 2018 l-appellanta kienet ma tiflaħx ġiet wara. Sadanittant, l-appellanta kienet diġà ġiet infurmata li l-*leave* mitlub minnha għal dik il-ġurnata partikolari ma kienx ġie approvat, u li jekk hija kienet ser tinsisti li ma tidħolx għax-xogħol f'dik il-ġurnata partikolari, hija ma kinitx ser

tiġi inkluża fir-*rosters* ta' wara, bir-riżultat għalhekk li tkun tkeċċiet mill-impjieg. Mill-provi ma jirriżultax li waqt it-telefonata li kellha ma' Johann Demicoli, l-appellanta ppruvat tispjegalu li hija kellha ċertifikat tal-mard li kien ikoprieha sal-14 ta' Ottubru, 2018, jew li hija ma setgħetx tidħol xogħol għaliex kienet ma tiflaħx. Anzi mill-provi jirriżulta li l-*manager* tal-appellanta Charmaine Grima ppruvat tara x'arranġamenti setgħet tagħmel ħalli l-appellanta tingħata l-*vacation leave* li talbet, iżda wara ġie stabbilit li dan ma kienx possibbli.

41. Il-Qorti mhijiex propensa li tqis il-prova taċ-ċertifikat mediku bħala prova li tissupera l-provi l-oħra kollha li nġabu, mhux biss dwar il-komportament tal-appellanta fuq il-post tax-xogħol tagħha, iżda anki dwar dak li seħħ fil-ġimgħa ta' qabel tkeċċiet mill-impjieg. Jidher li l-episodju li kien jinvolvi lir-rappreżentant tad-DIER, u l-fatt li l-appellanta naqset li tirrapporta għax-xogħol fl-14 ta' Ottubru, 2018, kienu l-aħħar minn sensiela ta' inċidenti li kienet involuta fihom l-appellanta fuq il-post tax-xogħol tagħha, u għalhekk kien korrett it-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu li din it-tkeċċija mill-impjieg kienet waħda ġusta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**